MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Numru. 27/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Jonathan Ransley**

**vs**

**Matthew Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Matthew Borg ta' 21 sena, iben Anthony u Karen Mary nee' Flaterey, imwieled iz-Zebbug nhar l-10 ta' Dicembru 1990, residenti gewwa 32, Claife, Vjal il-Buon Pastur, Hal-Balzan u detentur tal-karta tal-identita' numru 5891(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-18 ta' Dicembru, 2011 ghall-habta ta' 03:00pm gewwa Attard;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Borg skond kif iccertifika Dr. Moses Camilleri Reg. No. 2242 Ta' l-Isptar Mater Dei

2. Hebb ghall-Anthony Borg sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

3. Hedded jew ingurja lil Anthony Borg.

4. Kiser l-ordni jew il-kwiet pubbliku.

5. Kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduta mill-Magistrat Dr. A. Demicoli nhar is-27 ta' Ottubru 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex titratta ma l-imputat bhala ricediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza mill-Qrati Maltin, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Jannar 2012 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta' Frar 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li l-parti civili Anthony Borg irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u ghazel li ma jixhidx fil-konfronti tieghu stante li huwa ibnu. Stante li dan kien l-unika xhud okulari tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza u stante li l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova ohra in sostenn tal-ewwel(1) imputazzjoni, l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tiddikjara lill-imputat mhux hati ta' din l-imputazzjoni. Stante r-rinunzja tal-parti civili, l-Qorti

tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni(2) u t-tielet(3) u r-raba'(4) imputazzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) u l-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tillibera lill-imputat mill-istess imputazzjonijiet u tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda it-tieni(2), it-tielet(3) u r-raba'(4) imputazzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------